MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 451/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**Isabelle Brincat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzzjonijiet kontra Isabelle Brincat ta' 35 sena bint Joseph u Pauline nee Stagno imwielda l-Pieta' fil-11 t'a Novembru 1970 u residenti Casa Stagno No 8 Għar Barka Rabat detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 146570 (M)

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer matul ix-xahrejn ta' Settembru u Novembru 2006 b'diversi atti ma]mulin b'riżoluzzjoni waħda

(a) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqas milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tagħha;

(c) u aktar talli fl-istess ċirksotanzi daħħlet jew ipprovat iddaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs mingħajr awtorita' leġittima, fis-Saint Michael's Ward ġewwa l-Isptar San Luqa liema struttura tagħmel parti mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, oġġetti li huma pprojbiti u cioe' id-droga eroina u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti magħmula taħt l-istess Liġi u l-artikolu 18 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali (fol 5) u tal-imputata sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dokument IF (fol 40), il-fedina penali tal-imputata (a fol 2), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1465 tal-1970, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2006 (fol 5), id-dokument MT6 a fol 23, id-dokument MT 7 (a fol 24), il-current incident report a fol 25, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputata għandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 fil-massimu tiegħu (fol 34, 41 u 42) u li għandha tapplika għall-erba' proċessi, cioe' fil-proċessi bin-numru 130/07, 253/06, 451/06, 214/07, id-digriet tal-Qorti li bih ħatret Probation Officer sabiex jitħejja Presentencing Inquiry Report (fol 33), l-ammissjoni tal-imputata (fol 33), id-digriet tal-Qorti li bih iddikjarat li x-xhieda tal-Psikologa Mariella Blackman u tal-Psikologu Martin Micallef kellhom jidhru fil-proċessi kollha diġa' msemmija (fol 15 tal-proċess 130/07), ir-rapport tal-Probation Officer Marietta Lanzon (dok ML fol 40), id-dokument IF (a fol 44), id-digriet li bih il-Qorti kienet laqgħet it-talba li tingħata sentenza waħda fl-erba' kawżi wara li l-Prosekuzzjoni qablet mal-porposta tad-difiża, u d-digriet li bih il-Qorti irrevokat contario imperio dan l-istess digriet ogħti fit-18 ta' Jannar 2010 wara rikors magħmul mill-Prosekuzzjoni sabiex id-digriet ikun revokat.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidrat

Li fl-4 ta' Novembru 2006 għall-ħabta tat-3.30pm l-imputata riedet tara priġunier li kien fis-Saint Michael's Ward tal-Isptar San Luqa. Ġo takkuna tal-imputata instabet borża li kellha trab kannella suspettat eroina. F'takkuna oħra kienet instabet borża bjada b'xi karti u foil fiha.

Fl-ewwel istqarrija tagħha l-imputat ammettiet li ser iddaħħal id-droga fil-Ward imsemmija (fol 18) u li kien hemm drabi oħra meta ħadet id-droga lill-istess priġunier fl-istess ward (ara t-tieni stqarriaj a fol 20).

L-Acting Senior Correctional Officer Dorianne Giorgeva xehdet li kienet għamlet strip search fuq l-imputata li kellha takkuna naqra wiesgħa. Hija qalgħet is-sopratakka tat-takkuna u fiha sabet karta u fiha kien hemm pakkett bi trab kannella. Qalgħet ukoll s-sopratakka tat-takkuna l-oħra u fiha nstabet karta tal-foil imkebba. L-imputata marret tara priġunier.

Xehdet ukoll Karen Gafa' li tat verżjoni simili għal dik mogħtija mill-Acting Senior Correctional Officer.

Il-Probation Officer Marietta Lanzon xehdet li dan kien każ serju minħabba li l-imputata kienet akkużata li kienet ser iddaħħal id-droga fil-ħabs. Il-Probation Officer qalet li l-imputata għandha difett fil-personalita' tagħha li lanqas iħallieha taħseb.

Mix-xhieda tal-psikologa Mariella Blackman jirriżult li l-imputata bdiet relazzjoni oħra waqt li kienet miżżwewġa u ma kinitx taf x'tip ta' persuna kien it-tieni partner tagħha. Hija kienet infatwata warajh u kien jgħidilha biex iddaħħallu d-droga fil-ħabs. Saħansitra kienet tieħu xi ftit alkoħol biex ma tibżax tagħmel il-ġest. L-imputata hija nkwetata dwar it-tifla tagħha stess minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Il-Psikologu Martin Micallef xehed dwar il-problemi ta-tifla tal-imputata. (fol 53 et).

L-imputata xehdet fit-18 ta’ Jannar 2010 u spjegat li fiż-żmien meta kienet qed tgħaddi d-droga kienet għaddejja miknn żmien ta’ dwejjaq kbar għax żewġha kien tielf żewġ aħwa f’daqqa. Ir-raġel sofra minn depression u ma bediex jiddedika ħin għall-familja. Meta ltaqgħet ma’ Reginal Bugeja kienet ħasset li kien qed jismagħha aktar mir-raġel tagħha u saret tħobbu ħafna. Meta kienet teħodlu d-droga ma kenitx iddaħħal kwantitajiet. Bħal issa kienet qed taħdem u reġgħet qed tgħix ħajja ssetiljata. L-imputata ddispjaċiha ħafna għal dak li kienet għamlet.

Li ġaladarba l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha (fol 33) u kkonfermat tali ammissjoni wara li ngħatat żmien biex taħsibha, allura dawn l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) u 29 tal-Kap 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-artikolu 7(1)(2) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta’ Malta issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha b’dan pero’ li t-tieni imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat dan li ġej:

(a) li l-imputata kellha fedina nadifa;

(b) li għandha tebbenifika mill-artikolu 29 tal-Kap 9 fil-massimu;

(ċ) li ammettiet mal-ewwel.

(d) id-dettalji li ħarġu mix-xhieda tal-psikologi dwar l-imġiba tagħha..

**Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputata kienet qed twassal id-droga fil-Faċilita’**

**Korrettiva ta' Kordin għax is-Saint Michael's Ward hija estensjoni ta' din il-Faċilita'.**

Għaldaqstant, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputata għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur u għall-ħlas ta' mujlta ta' €468 liema multa tista' tiħallas b'rata ta' 30 Euro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa.

Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------